MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2015

Appell Kriminali Numru. 140/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Zammit**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Carmel Zammit, karta ta’ l-identita` numru 504068(M), talli :

(a) fit-28 ta’ Lulju 2008, għall-ħabta tas-sagħtejn ta’ wara nofs inhar (14:00hrs), fi Triq San Ġiljan f’San Ġwann, ikkommetta serq ta’ flus kontanti għad-dannu ta’ Joanne Scicluna, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-vjolenza (Artikoli 261, 262 (b) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta);

(b) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bla ordni skond il-liġi ta` l-awtorita` kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti is-setgħa lill-privat li

jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Joanne Scicluna (Artikoli 86, 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

(ċ) fl-istess jum, f'dawn il-Gżejjer, xjentement xtara u/jew laqa' għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod ieħor li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, liema oġġetti huma ġejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 u bil-vjolenza (Artikolu 334 tal-Kapitolu 9);

(d) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe` fuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni PIC-455 liema ħsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) iżda hija aktar minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) u li saret għad-deteriment ta' Joanne Scicluna (Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9);

(e) fl-istess jum, ħin u ċirkostanzi fil-ħin li kien qed jagħmel delitt ta' serq, kellu fil-pussess tiegħu arma improprja (Artikolu 64(2) tal-Kapitolu 9);

(f) fl-istess żmien kiser kundizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr. L. Quintano, LL.D., nhar l-4 ta' Ġunju, 2007;

(g) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mogħtija fl-14 ta' Marzu 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261, 262 (b), 267, 86, 87(1)(e), 334, 325(b), 64(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta, sabet lill-imsemmi Carmel Zammit ħati: talli fit-28 ta` Lulju 2008, wettaq serq ta' mija u ħamsin euro (€150) għad-dannu ta' Joanne Scicluna ġewwa San Ġwann liema serq huwa aggravat bi vjolenza; talli żamm lil Joanne Scicluna kontra r-rieda tagħha; talli kkawżalha ħsarat fil-vettura tagħha li jammontaw għal mija tlieta u għoxrin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmi (€123.94) u cioe` ksur ta` mera; talli kellu fil-pussess tiegħu waqt l-inċident stanga u *tazer gun* liema, ta' l-ahhar, dan uża fuq Scicluna; talli hu reċidiv; u talli kiser kundizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza tal-Maġistrat Dr. L. Quintano, LL.D., tal-14 ta' Ġunju, 2007, u kkundannatu tliet (3) snin priġunerija. L-ewwel Qorti rrakkomandat li l-istess Carmel Zammit iservi dan il-perijodu ta` priġunerija ġewwa l-Forensic Unit taħt il-kura ta` Dr. Spiteri;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Carmel Zammit ippreżentat fl-1 ta' April 2013 fejn talab lil din il-Qorti:

"1. **Tiddikjara** s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti **nulla** minħabba difett essenzjali skond l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, u sabiex l-esponenti ma jigix ipprivat mid-*doppio esame*, li din il-kawża terġa' tiġi rimessa lill-Qorti tal-prim'istanza għall-ġudizzju tagħha mill-ġdid; jew alternattivament u sussidjarjament

"2. **Fi kwalsijasi każ, teżercita** d-diskrezzjoni tagħha taħt **l-artikolu 42** tal-Att dwar is-Saħħa Mentali, billi tagħti ordni sabiex l-appellant jintbagħat għal osservazzjoni psikjatrika fi sptar appositu; jew alternattivament u sussidjarjament

"3. **Tirrevokaha** fil-parti fejn sabitu **ħati** u tilliberah minn kull piena u **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn **ma ġiex misjub ħati**, [jekk huwa l-każ]; jew alternattivament u sussidjarjament

"4. **Tikkonfermaha** in kwantu sabitu **ħati** tal-imputazzjoni ta' serq aggravat bil-vjolenza [l-ewwel imputazzjoni], tal-ħsara volontarja [ir-raba' imputazzjoni], talli kellu fil-pussess tiegħu arma improprja [il-ħames imputazzjoni], u talli kiser kundizzjonijiet impost fuqu minn sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr. L. Quintano LL.D nhar l-4 ta' Ġunju 2007 [is-sitt imputazzjoni], **iżda tirrevokaha** in kwantu sabitu ħati talli żamm lil Joanne Scicluna kontra r-rieda tagħha [it-tieni imputazzjoni], talli xjentement xtara u/jew laqa' għandu ħwejjeġ misruqa [it-tielet imputazzjoni], u talli rrenda ruħu reċidiv [is-seba' imputazzjoni], u tiddikjarah mhux ħati tagħhom u tilliberah mill-istess imputazzjonijiet u li konsegwentement li **timponi piena aktar ekwa u ġusta**; jew alternattivament u sussidjarjament

"5. Fl-eventwalita` li dina l-Onorabbli Qorti **tikkonferma l-ħtija** tal-esponenti bħal ma għamlet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, **li tħassarha in kwantu għall-piena u timponi piena aktar ekwa u ġusta.**"

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni dwar l-ewwel aggravju; ikkunsidrat:

**5.** Din is-sentenza tirrigwarda l-ewwel aggravju ta' l-appellant li permezz tiegħu jsostni li s-sentenza appellata hi nulla. Ir-raġunijiet li jagħti l-appellant huma s-segwenti:

"1.a. Ir-ricettazzjoni u principji ta' dritt generali

"L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jishaq li l-Qorti, meta tghaddi sabiex taghti s-sentenza taghha, ghandha ttenni l-fatti li taghhom l-akkuzat ikun instab hati, taghti l-piena, u tikkwota l-artikoli tal-Ligi li jikkontemplaw r-reat li l-hati gie misjub hati tieghu. Hawnhekk huwa pertinenti li tigi kkwotata sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija v. Keith Pace"[1]**:

"'Issa kif gie ritenut f'gurisprudenza kostanti sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li ma jkunx fiha dikjarazzjoni ta' liema fatti sabet lill-imputat hati, jew meta minnha ma jirrizultax car ta' x'hiex l-appellant gie misjub hati, jew meta f'kaz ta' imputazzjonijiet alternattivi, il-Qorti tiddikjara lill-imputat hati bla ma tghid ta' liema miz-zewg imputazzjonijiet hu hati u ghalhekk jigi li l-Qorti ma qalitx ta' x'hiex sabet lill-imputat hati, jew **<u>meta ma tghid xejn dwar akkuza partikolari, hija nulla</u>** u jekk il-kawza tigi appellata, il-Qorti tal-Appell tiddikjara n-nullita' tas-sentenza. (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Francis Aquilina**"[26.11.1960]; **"Il-Pulizija vs. Frans Portelli"** [3.2.1992]; **"Il-Pulizija vs. Piju Gafa`"** [18.4.1959]**; "Il-Pulizija vs. Generoso Sammut"** [13.10.2004] u ohrajn.)' [enfasi tal-appellant]

"Huwa car mis-sentenza appellata illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma qalet assolutament xejn dwar l-imputazzjoni ta' ricettazzjoni. Minkejja li fil-hsieb legali din l-imputazzjoni titqies bhala wahda alternattiva ghal dik tas-serq u li fil-kaz odjern huwa palesi li hekk hi, l-esponenti umilment jikkontendi li l-Ewwel Qorti kienet obbligata li tghid dan fis-sentenza u ghalhekk issib lill-esponenti mhux hati tal-istess imputazzjoni. <u>Fil-kaz odjern ma huwiex mifhum jekk l-esponenti giex misjub hati ta' din l-imputazzjoni jew le.</u>

"In vista tal-fatt illi fis-sentenza **"Il-Pulizija v. Keith Pace",** *supra* citata, l-abbli Imhallef qal li l-fatt li l-Ewwel Qorti f'dak il-kaz ma kenitx ikkwotat l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali jindika, ghalkemm b'mod konfuz u mhux adegwat, li l-appellant f'dak il-kaz ma kienx instab hati tal-imsemmija imputazzjoni Issa l-fatt li fil-kaz odjern l-artikolu 334 gie kkwotat mill-Qorti jkompli jzid id-dubji dwar jekk instabx hati l-appellant, meta fid-*decide* m'hemm ebda kumment tal-Ewwel Onorabbli Qorti dwar l-akkuza ta' ricettazzjoni.

<u>"1.b. Ir-recidiva</u>

"Inoltre s-sentenza appellata hija difettuza wkoll minhabba l-fatt li l-Qorti ma semmietx l-artikoli 49 u 50 tal-istess Kodici minkejja li mbaghad sabet lill-esponenti hati taht l-imputazzjoni/addebitu tar-recediva.

<u>"1.c. Sejbien ta' htija a tenur tal-artikolu 267</u>

"Huwa wkoll rilevanti ferm il-fatt illi minkejja li l-appellant instab hati ta' serq aggravat bil-vjolenza, il-Qorti naqset milli tikkwota l-artikolu 276 li jikkontempla l-piena ta' tali reat, izda ikkwotat l-artikolu 267 li jikkontempla r-reat ta' serq aggravat bl-ammont misruq, li ma huwiex applikabbli legalment fil-kaz odjern.

[1] Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, Onor. Imhallef J. Galea Debono, 05/05/2005.

"L-esponenti umilment jissottometti illi dawn in-nuqqasijiet huma fatali taht l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk is-sentenza appellata ghandha tigi annullata."

**6.** Dwar l-ewwel punt l-appellant għandu raġun. Meta fl-ewwel paragrafu tas-sentenza tagħha l-ewwel Qorti telenka l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, hija tirreferi wkoll għar-reat ta' riċettazzjoni. Meta ssemmi d-diversi artikoli li tgħid li rat, hija tinkludi wkoll l-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Pero`, dwar jekk kinitx qed issib ħtija jew kinitx qed tillibera lill-appellant minn din l-imputazzjoni hija baqgħet siekta. L-appellant irrefera għal ġurisprudenza li tirritjeni li f'tali ċirkostanzi s-sentenza hi difettuża minn wieħed mir-rekwiżiti essenzjali skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u li għalhekk dan jirrendi s-sentenza appellata nulla. Hekk f'waħda mis-sentenzi li jirreferi għalihom – **Il-Pulizija v. Generoso Sammut**, 13 ta' Ottubru 2004 – intqal:

"Minn ezami tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti jirrizulta li hija ddikjarat lill-appellant hati tat-"tieni" imputazzjoni biss filwaqt li lliberatu mill-"ewwel" imputazzjoni u minn dik ("ir-raba'") li sar recidiv. Dwar it-"tielet" imputazzjoni baqghet siekta: la ddikjarat il-htija dwar dik l-imputazzjoni u lanqas ma lliberat lill-appellant minnha. Huwa veru li l-ewwel Qorti rriferiet biss ghall-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 bhala l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li dwaru kienet qed issib il-htija. Izda b'daqshekk l-appellant ma jistax jassumi li gie lliberat mit-tielet imputazzjoni galadarba l-ewwel Qorti ma ddikjaratx li kienet qed tilliberah minnha wkoll. Jekk kienet qed issib il-htija anke dwar din l-imputazzjoni naturalment kellha tirreferi ghall-artikolu tal-ligi relattiv.

"Jekk mill-banda l-ohra kellha l-intenzjoni li tillibera lill-appellant (allura imputat) minn dik l-imputazzjoni, kellha tghid hekk fis-sentenza taghha[2].

**7.** Fuq l-ewwel punt biss għalhekk is-sentenza appellata għandha tiġi annullata.

**8.** L-appellant jgħid ukoll illi hemm nuqqas fatali wkoll għax l-ewwel Qorti ma semmietx l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għalkemm sabet il-ħtija dwar ir-reċidiva. Hawn l-appellant m'għandux raġun peress illi r-reċidiva mhux reat, u l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitkellem dwar **"l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat"**. Naturalment, fejn si tratta ta' l-addebitu ta' reċidiva, ma jfissirx illi m'għandhomx jiġu ċċitati l-artikoli relattivi. Anzi din il-Qorti dejjem irriteniet illi anke f'dan il-każ għandhom

[2] Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 377 tal-Kodici Kriminali jipprovdi: **"Meta jinghalaq is-smigh tal-kawza, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, taghti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna lill-imputat"**.

jiġu ċitati. Mill-banda l-oħra n-nuqqas li jiġu ċitati ma jrendix is-sentenza nulla.

**9.** Dwar l-aħħar punt, l-appellant m'għandux raġun lanqas peress illi l-artikolu 276 huwa dak l-artikolu li jipprovdi għall-piena għas-serq ikkwalifikat bil-"vjolenza" iżda mhux b'omiċidju ikkunsmat jew attentat jew b'offiża jew sekwestru tal-persuna, u mhuwiex l-artikolu li jikkontempla r-reat. Hawn ukoll din il-Qorti tirritjeni illi għandhom dejjem jiġu ċitati l-artikoli kollha rilevanti għall-każ, inkluż dawk li jipprovdu dwar il-piena. Dan kemm sabiex il-ħati jkun jaf il-parametri tal-piena li kienu applikabbli għall-każ tiegħu, u anke sabiex f'każ ta' appell, il-Qorti ta' Appell ukoll tkun taf liema parametri tkun applikat l-ewwel Qorti.

**10.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel aggravju in kwantu l-ewwel Qorti naqset milli tiddeċiedi jekk kinitx qed issib ħtija jew kinitx qed tillibera lill-appellant mill-imputazzjoni ta' riċettazzjoni, tiddikjara s-sentenza nulla u, a tenur ta' l-artikolu 428(3) tal-Kap. 9, tgħaddi biex tittratta l-każ fil-mertu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------